REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1318/2014

tal-11 ta' Diċembru 2014

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni ta' operat fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpannija tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 ([2]) jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni, kif jissemma fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(2) Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, xi Stati Membri u l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-EASA) għaddew informazzjoni lill-Kummissjoni li hi rilevanti fil-kuntest tal-aġġornament ta' dik il-lista Komunitarja. L-informazzjoni rilevanti għaddewha wkoll xi pajjiżi terzi. U għalhekk il-lista Komunitarja għandha tiġi aġġornata skont din l-informazzjoni.

(3) Il-Kummissjoni għarrfet lil kull trasportatur tal-ajru kkonċernat, direttament jew permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jsawru l-bażi ta' deċiżjoni li timponi projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni jew li tibdel il-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni tal-operat imposta fuq trasportatur tal-ajru imniżżel fil-lista Komunitarja.

(4) Lit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati l-Kummissjoni tathom l-opportunità li jikkonsultaw id-dokumenti li ressqu l-Istati Membri, biex jagħtu kummenti bil-miktub u jagħmlu preżentazzjoni orali lill-Kummissjoni u lill-Kumitat stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/1991 ([3]) (il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru).

(5) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru rċieva aġġornamenti mingħand il-Kummissjoni dwar il-konsultazzjonijiet konġunti li għaddejjin, fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 ([4]) tiegħu, mal-awtoritajiet kompetenti u mat-trasportaturi tal-ajru tal-istati ta' Angola, il-Botswana, il-Ġeorġja, ir-Repubblika tal-Ginea, l-Indja, l-Indoneżja, il-Kazakistan, ir-Repubblika Kirgiża, il-Libanu, il-Libja, il-Madagaskar, ir-Repubblika Islamika tal-Mawritanja, il-Możambik, in-Nepal, il-Filippini, São Tomé u Príncipe, is-Sudan u ż-Żambja. Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru rċieva wkoll aġġornamenti mingħand il-Kummissjoni dwar l-Afganistan, il-Gana, l-Iran u l-Korea ta' Fuq. Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru rċieva wkoll aġġornamenti mingħand il-Kummissjoni dwar konsultazzjonijiet tekniċi mal-Federazzjoni Russa.

(6) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet tal-EASA dwar ir-riżultati tal-analiżi tar-rapporti ta' verifika li għamlet l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (l-ICAO) fil-qafas tal-Programm Universali ta' Awditjar tas-Sorveljanza tas-Sikurezza (l-USOAP). L-Istati Membri ntalbu jagħtu prijorità lill-ispezzjonijiet fir-rampa tat-trasportaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja mill-istati u li fil-każ tagħhom l-ICAO tkun identifikat każijiet ta' Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza (SSCs) jew li fil-każ tagħhom l-EASA tkun ikkonkludiet li hemm nuqqasijiet sinifikanti fis-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza. Minbarra l-konsultazzjonijiet li għamlet il-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005, bil-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa se tkun tista' tinkiseb aktar informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru li huma għandhom il-liċenzja f'dawk l-istati.

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/1991 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 8).

(7) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet tal-EASA dwar ir-riżultati tal-analiżi tal-ispezzjonijiet fir-rampa li saru fil-Programm tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin (is-SAFA) skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([1]).

(8) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet tal-EASA dwar il-proġetti ta' assistenza teknika mwettqa fi stati milquta mill-miżuri jew mill-monitoraġġ skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Il-Kumitat ġie infurmat bil-pjanijiet tal-EASA u bit-talbiet għal aktar assistenza teknika u koperazzjoni biex titjieb il-kapaċità amministrattiva u teknika tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili bil-għan li jissolvew nuqqasijiet ta' konformità ma' standards internazzjonali applikabbli. L-Istati Membri ntalbu wkoll iwieġbu dawn it-talbiet fuq bażi bilaterali f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u mal-EASA. Dwar dan, il-Kummissjoni saħqet is-siwi li tingħata informazzjoni lill-komunità tal-avjazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-bażi tad-dejta SCAN tal-ICAO, dwar l-assistenza teknika li jagħtu l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex titjieb is-sikurezza tal-avjazzjoni madwar id-dinja.

(9) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' wkoll preżentazzjoni tal-Eurocontrol li taġġorna dwar il-qagħda tal-funzjoni ta' twissija tas-SAFA u dwar l-istatistika attwali għall-messaġġi ta' twissija għal trasportaturi tal-ajru projbiti.

It-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni

(10) Wara li l-EASA għarblet l-informazzjoni li ħarġet minn spezzjonijiet fir-rampa mwettqa fuq inġenji tal-ajru ta' ċertu trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni jew minn spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni li għamlet l-EASA, kif ukoll minn spezzjonijiet u verifiki speċifiċi li għamlu l-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, bosta Stati Membri ħadu ċertu miżuri ta' infurzar u għarrfu lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru b'dawk il-miżuri. Il-Greċja għarrfet li l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili Griega għamlet spezzjonijiet lil *Gain Jet Aviation* u lil *Skygreece Airlines*. Meta saru aktar spezzjonijiet ma ġiet identifikata l-ebda problema.

(11) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza turi li jkunu jeżistu riskji imminenti tas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità min-naħa tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni mal-istandards xierqa tas-sikurezza, l-Istati Membri għamluha ċara li lesti jaġixxu kif meħtieġ.

It-trasportaturi tal-ajru minn Angola

(12) Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1197/2011 ([2]), jippermetti lit-trasportatur tal-ajru *TAAG Angolan Airlines* iċċertifikat f'Angola, biex jopera fl-Unjoni b'erba' inġenji tal-ajru tat-tip Boeing 737-700 bil-marki tar-reġistrazzjoni D2-TBF, D2-TBG, D2-TBH u D2-TBJ, bi tliet inġenji tal-ajru tat-tip Boeing 777-200 bil-marki tar-reġistrazzjoni D2-TED, D2-TEE u D2-TEF, u b'żewġ inġenji tal-ajru tat-tip Boeing 777-300 bil-marki tar-reġistrazzjoni D2-TEG u D2-TEH.

(13) Fil-21 ta' Novembru 2014, *TAAG Angolan Airlines* ressaq applikazzjoni, permezz tal-awtoritajiet kompetenti ta' Angola (l-INAVIC), biex iżid inġenju tal-ajru ġdid tat-tip Boeing 777-300 mal-lista fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006. Iżda għad baqa' diffikultajiet persistenti biex jinħoloq u jinżamm kuntatt regolari mal-INAVIC u ma' *TAAG Angolan Airlines*. Daqstant ieħor jeżistu dawn id-diffikultajiet fil-kuntatt bejn l-INAVIC u l-ICAO, u minħabba f'hekk, dan l-aħħar ħassru bosta awditi tal-ICAO li kienu skedati minn qabel. Dawn id-diffikultajiet joħorġu fid-dieher il-problemi interni ta' komunikazzjoni fi ħdan *TAAG Angolan Airlines*, fi ħdan l-INAVIC u anki bejniethom, tant li hu impossibbli jiġi vvalutat jekk it-talba ta' *TAAG Angolan Airlines* hix ta' riskju għas-sikurezza. Għalhekk, il-Kummissjoni jidhrilha li l-aħjar mod kif taġixxi hu li titlob lill-INAVIC kif ukoll lil *TAAG Angolan Airlines* biex fil-futur qrib jaħdmu id f'id magħha bil-ħsieb li terġa' tiġi eżaminata bir-reqqa s-sitwazzjoni attwali tas-sikurezza minn kull aspett, fosthom anki fejn jidħlu xi inġenji tal-ajru ġodda li jkunu ngħaqdu mal-flotta ta' *TAAG Angolan Airlines*.

(14) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni biex tkun tinkludi inġenji tal-ajru oħrajn li jopera *TAAG Angolan Airlines*.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1197/2011 tal-21 ta' Novembru 2011 (ĠU L 303, 22.11.2011, p. 14). B'mod partikolari, ara l-punti 26 sa 30 tal-premessi ta' dan ir-Regolament.

(15) L-Istati Membri jridu jibqgħu jivverifikaw il-konformità effettiva ta' *TAAG Angolan Airlines* mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru lil inġenji tal-ajru ta' dan it-trasportatur tal-ajru skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

It-trasportaturi tal-ajru mill-Botswana

(16) F'April 2013, l-ICAO wettqet Missjoni ta' Validazzjoni Koordinata tal-ICAO (ICVM) fil-Botswana. Din l-ICVM kisbet riżultati parzjalment pożittivi: tjiebet l-Implimentazzjoni Effettiva. Iżda nkiseb riżultat negattiv għax instabu żewġ SSCs. Barra minn hekk, mill-2010 ġraw żewġ inċidenti b'inġenji tal-ajru rreġistrati l-Botswana.

(17) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, in-nuqqas attwali ta' implimentazzjoni effettiva tal-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati tal-ICAO, iż-żewġ każijiet ta' Thassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza (SSCs), iż-żewġ inċidenti u l-komunikazzjoni intermittenti bejn il-Kummissjoni u l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Botswana (is-CAAB), f'ittra tat-8 ta' Lulju 2014 lis-CAAB il-Kummissjoni talbet informazzjoni fir-rigward ta' trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Botswana.

(18) Is-CAAB wieġbet fit-3 ta' Ottubru 2014, u tat l-informazzjoni mitluba sabiex turi li l-Istat qed jagħmel implimentazzjoni effettiva tal-Istandards u tal-Prattiki Rakkomandati tal-ICAO u sabiex jissolvew iż-żewġ każijiet ta' Thassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza.

(19) Skont dik l-informazzjoni, jidher li s-CAAB tixtieq li l-ICAO tagħmel ICVM oħra qabel tmiem din is-sena ħalli tivverifika li l-azzjonijiet korrettivi meħuda huma biżżejjed biex jissolvew iż-żewġ SSCs.

(20) Il-valutazzjoni tal-informazzjoni mogħtija turi wkoll li kull trasportatur tal-ajru ġie ċċertifikat mill-ġdid u ngħata AOC (Ċertifikati tal-Operatur tal-Ajru) ġdid fl-istess data. Dan kollu joħloq piż fil-ħidma tas-CAAB kull darba li dawn l-AOCs ikunu jridu jiġu aġġornati. Is-CAAB ħoloq programm ta' sorveljanza biex jissorvelja s-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru, iżda l-implimentazzjoni ta' dan il-programm inqatgħet lura. Fl-aħħar nett, waqt l-attivitajiet ta' sorveljanza ġie rreġistrat biss għadd limitat ta' sejbiet u minħabba f'hekk, huwa diffiċli li jitkejjel kemm is-CAAB hi kapaċi ssolvi kwistjonijiet tas-sikurezza li jaf jinqalgħu Sabiex jixxejnu dawn il-kwistjonijiet, il-Kummissjoni jeħtieġ titlob informazzjoni addizzjonali filwaqt li se tistieden lis-CAAB għal laqgħa teknika biex tiddiskuti aktar dettalji fejn tidħol is-sitwazzjoni tas-sorveljanza tas-sikurezza fil-Botswana.

(21) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Botswana.

It-trasportaturi tal-ajru mill-Ġeorġja

(22) Se jissoktaw il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Ġeorġja (il-GCAA) bil-għan li l-GCAA tissorvelja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva żviluppat minħabba l-każijiet ta' Thassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza li identifikat l-ICAO bl-Awditu tas-Sistema Komprensiva (is-CSA) tal-Ġeorġja f'Ottubru 2013.

(23) Abbażi tal-informazzjoni li taw il-GCAA dwar l-azzjonijiet li qed jieħdu biex ixejnu l-każijiet ta' Thassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza, il-Kummissjoni jidhrilha li m'hemmx bżonn titlob lill-GCAA biex jidhru quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru. Il-Kummissjoni rrappurtat lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva li żviluppaw il-GCAA.

(24) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Ġeorġja.

It-trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika tal-Ginea

(25) Kif ġie miftiehem fil-laqgħa ta' Brussell f'Jannar 2013, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Ginea (id-DNAC) taw informazzjoni regolari dwar l-implimentazzjoni għaddejja tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva, li kienet approvat l-ICAO f'Diċembru 2012, kif ukoll kull attività relatata miegħu.

(26) L-aħħar rapport ta' progress li wasal fil-21 ta' Ottubru 2014 jagħti dettalji dwar l-aktar attivitajiet u żviluppi riċenti fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva. Se jibqa' jitħarreġ il-persunal ħalli tkompli tissaħħaħ il-kapaċità tas-sorveljanza, l-aktar fl-oqsma tal-ajrunavigabbiltà u tal-operazzjonijiet. Id-DNAC issoktaw jindirizzaw is-sejbiet tal-USOAP li baqa', fejn jidħlu l-mistoqsijiet assoċjati tal-protokoll, permezz tal-Approċċ ta' Monitoraġġ Kontinwu, is-CMA: l-għodda onlajn tal-ICAO. Mill-bidu ta' Awwissu sal-aħħar ta' Settembru 2014, l-ICAO wettqet validazzjoni barra mis-sit tal-mistoqsijiet tal-protokoll li jaf ikunu soġġetti għal verifika mill-boghod. Minħabba f'hekk, l-implimentazzjoni effettiva ġenerali tat-tmien elementi kritiċi wriet titjib żgħir.

(27) Qed titħejja inizjattiva leġiżlattiva biex id-DNAC isiru awtorità indipendenti, finanzjarjament u operattivament awtonoma, u bl-istruttura tat-tmexxija tagħha. L-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Ginea (l-AGAC), f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-ICAO, hi mistennija tidħol fis-seħħ f'Jannar 2015.

(28) Fl-aħħar ta' Marzu 2013 ġie sospiż kull ċertifikat tal-operaturi tal-ajru li kien jeżisti qabel. Għadha qed issir ċertifikazzjoni (f'5 fażijiet) konformi mal-ICAO tat-trasportatur tal-ajru nazzjonali bl-isem *PROBIZ Guinée*, b'inġenju tal-ajru wieħed tat-tip BE90, bl-għajnuna u l-appoġġ ta' missjoni speċifika tas-CAFAC/BAGASOO, inkluż taħriġ fuq lant tax-xogħol lill-ispetturi tad-DNAC dwar il-proċess kollu. Il-proċess taċ-ċertifikazzjoni nbeda wkoll għal żewġ trasportaturi tal-ajru oħra — *Eagle Air Guinée* u *Sahel Aviation Service Guinée*. Id-DNAC, bl-appoġġ tal-uffiċċju reġjonali tal-ICAO f'Dakar, mistennija jtemmu l-proċess taċ-ċertifikazzjoni għat-tliet trasportaturi tal-ajru sa tmiem l-2014.

(29) Id-DNAC talbu ICVM biex jivvalidaw il-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva. Għall-ewwel, l-ICAO ippjanat li tagħmel l-ICVM f'Mejju 2014. Minħabba bidliet riċenti fit-tmexxija għolja tal-Ministeru tat-Trasport inħoloq xi dewmien u l-ICVM qed titħejja għat-tieni nofs ta' Settembru 2014. Minħabba t-tifqigħa tal-Ebola, l-ICVM, kif ukoll missjoni tal-assistenza tal-ICAO li kienu maħsuba jsiru f'Lulju 2014 ġew posposti għal żmien indefinit.

(30) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika tal-Ginea.

(31) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza turi li jkunu jeżistu riskji imminenti tas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

It-trasportaturi tal-ajru mill-Indja

(32) Fis-7 ta' Novembru 2014 saret laqgħa teknika fi Brussell. Matulha tlaqqgħu l-Kummissjoni u l-EASA, kif ukoll rappreżentanti anzjani mid-Direttorat Ġenerali Indjan tal-Avjazzjoni Ċivili (id-DGCA). Il-laqgħa saret dwar il-konformità tal-Indja mal-obbligi internazzjonali tas-sikurezza u tas-sorveljanza, inkluż dwar id-deċiżjoni li ħadet l-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni tal-Istati Uniti (il-FAA) biex tbaxxi l-istatus ta' konformità tal-Indja minn kategorija 1 għal kategorija 2 wara li l-awditu tal-Valutazzjoni Internazzjonali tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-IASA) sabet bosta nuqqasijiet. Id-DGCA ta dettalji dwar fejn waslu l-azzjonijiet korrettivi li qed jieħu biex jegħleb sejbiet li rriżultaw mit-tnaqqis fil-kategorija ta' konformità tal-FAA. Id-DGCA tenna li ħa azzjoni biex jegħleb il-biċċa l-kbira tas-sejbiet tal-FAA u li sawwar pjan ta' azzjoni korrettiva rigward il-bqija tal-kwistjonijiet ta' tħassib. Barra minn hekk, matul il-laqgħa teknika, id-DGCA ppreżenta informazzjoni dwar il-kwistjoni tas-sostenibbiltà u dwar it-titjib li qed isir f'dan ir-rigward.

(33) Matul dik il-laqgħa teknika, id-DGCA impenja ruħu li jieħu sehem bis-sħiħ fi djalogu dwar is-sikurezza mal-Kummissjoni, inkluż b'laqgħat oħra li titlob il-Kummissjoni skont il-ħtieġa. Id-DGCA impenja ruħu wkoll li lill-Kummissjoni jagħtiha kull informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza, bħala parti mill-konsultazzjoni uffiċjali mal-awtoritajiet li jieħdu ħsieb is-sorveljanza regolatorja tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Indja f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006.

(34) Mill-informazzjoni mogħtija matul il-laqgħa teknika tas-7 ta' Novembru 2014 u bl-impenji li għamel id-DGCA dakinhar, il-Kummissjoni jidhrilha li f'dan l-istadju m'hemmx bżonn timponi restrizzjonijiet fl-operazzjonijiet tat-trasportaturi tal-ajru Indjani.

(35) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Indja.

(36) L-Istati Membri jridu jibqgħu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru lit-trasportaturi tal-ajru Indjani skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

It-trasportaturi tal-ajru mill-Indoneżja

(37) Il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja (id-DGCA) se jissoktaw bil-għan ta' monitoraġġ tal-progress li d-DGCA għamlu biex jiżguraw li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' kull trasportatur tal-ajru ċċertifikat fl-Indoneżja tkun konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(38) L-isforzi li għamlu d-DGCA biex ikollhom sistema tal-avjazzjoni konformi għalkollox mal-istandards tal-ICAO huma rikonoxxuti. U ġie nnutat ukoll li d-DGCA kellhom it-trasparenza meħtieġa u r-rieda li jaqsmu l-informazzjoni.

(39) Bejn il-5 u l-14 ta' Mejju 2014, l-ICAO għamlet Awditu tas-Sistema Komprensiva (CSA). Ir-rapport finali ta' dan l-awditu sar disponibbli fit-18 ta' Novembru 2014 u r-riżultati tal-awditu juru li s-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza fl-Indoneżja għad jonqosha bosta titjib. Lill-ICAO, id-DGCA ipproponewlha Pjan ta' Azzjoni Korrettiva ħalli jissolvew is-sejbiet li ħarġu minn din il-verifika.

(40) F'Settembru 2014, il-Kumitat Nazzjonali għas-Sikurezza tat-Trasport fl-Indoneżja ppubblika r-rapport finali dwar l-inċident ta' *Lion Air* li seħħ f'Bali fit-13 ta' April 2013. Ir-rapport komprensiv janalizza l-inċident u jagħti rakkomandazzjonijiet tas-sikurezza lit-trasportatur tal-ajru u lid-DGCA, fost l-oħrajn.

(41) Iżda s'issa m'hemmx evidenza oġġettiva u konklussiva li turi li l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva u r-rakkomandazzjonijiet tas-sikurezza mhumiex xierqa.

(42) F'ittra datata l-20 ta' Ottubru 2014, id-DGCA għarrfu lill-Kummissjoni li mill-aħħar aġġornament ġew iċċertifikati erba' trasportaturi tal-ajru ġodda, jiġifieri fil-15 ta' Awwissu 2014 inħareġ AOC Nru 121-042 għal *PT. MY INDO Airlines*, fit-28 ta' Awwissu 2014 inħareġ AOC Nru 121-054 għal *PT Indonesia Air Asia Extra*, fit-28 ta' Frar 2014 inħareġ AOC Nru 135-052 għal *PT. Elang Lintas Indonesia* u fit-12 ta' Marzu 2014 inħareġ AOC Nru 135-053 għal *PT. Elang Nusantara Air*. Madanakollu, id-DGCA ma tawx evidenza li tiżgura li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' dawn it-trasportaturi tal-ajru tkun konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(43) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li għandha tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni biex tkun tinkludi dawk l-erba' trasportaturi tal-ajru fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

It-trasportaturi tal-ajru mill-Kazakistan

(44) Il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Kazakistan (is-CAC) se jissoktaw bil-għan ta' monitoraġġ tal-progress li s-CAC għamlu biex jiżguraw li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' kull trasportatur tal-ajru ċċertifikat fil-Kazakistan tkun konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(45) Is-CAC għarrfu lill-Kummissjoni bl-iżviluppi relatati mal-ICVM li saret il-Kazakistan bejn is-27 ta' Mejju u l-4 ta' Ġunju 2014, fosthom dwar iż-żewġ każijiet ta' Ħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza (SSCs) li identifikat l-ICAO fl-2009. B'mod partikolari, is-CAC ġibdu l-attenzjoni li t-ħassib dwar il-ħruġ taċ-ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru ssolva, filwaqt li t-tieni ħassib dwar il-proċess għall-ħruġ taċ-ċertifikati lill-operaturi tal-ajru (l-AOCs) għad irid jissolva.

(46) Barra minn hekk, it-trasportatur tal-ajru *Air Astana* ta l-aġġornament regolari tiegħu dwar l-iżviluppi li għamel fejn tidħol is-sikurezza, l-aktar dwar l-aħħar bidliet li għamel fil-flotta tiegħu li bħalissa tista' topera fl-Unjoni. Ħafna miż-żidiet huma ajruplani ġodda li qed jinkrew b'kiri finanzjarja. Saru għadd ta' żidiet oħrajn fl-operazzjonijiet tal-preżent u dawk ippjanati.

(47) Mill-informazzjoni disponibbli dwar is-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza tal-Kazakistan, jidher li l-awtoritajiet tal-avjazzjoni tal-Kazakistan għandhom nuqqas ta' spetturi mħarrġa u esperjenzati biżżejjed biex iwettqu l-kompiti taċ-ċertifikazzjoni biex jinħarġu l-AOCs u awtorizzazzjonijiet speċjali, u jidher ukoll li bħalissa ma jistgħux jiżguraw sorveljanza kontinwa fil-qasam tal-operazzjonijiet tat-titjir. Għalhekk l-awtoritajiet tal-Kazakistan huma mħeġġa sew biex jibqgħu jirriformaw is-settur tal-avjazzjoni tagħhom u biex isiru konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(48) Il-Kummissjoni u l-EASA beħsiebhom isegwu mill-qrib il-progress tas-CAC meta jimpjegaw, iżommu u jħarrġu l-ispetturi tagħhom, kif ukoll il-passi li jieħdu biex jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva fejn jidħlu l-bqija tal-SSCs.

(49) Fid-29 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni talbet informazzjoni aġġornata mingħand is-CAC dwar it-trasportaturi tal-ajru li s-CAC qed jissorveljaw, b'mod partikolari informazzjoni dwar ir-revoka jew is-sospensjoni ta' AOCs. Fit-tweġiba tagħhom, is-CAC għarrfu lill-Kummissjoni bl-AOCs li nħarġu fil-Kazakistan u taw evidenza dwar ir-revoka ta' tliet AOCs, jiġifieri l-AOC ta' *Jet One*, *Luk Aero* u *Air Trust Aircompany*.

(50) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li għandha tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni biex *Jet One*, *Luk Aero* u *Air Trust Aircompany* jitneħħew mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(51) L-Istati Membri jridu jibqgħu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru lill-inġenji tal-ajru ta' *Air Astana* skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

It-trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika Kirgiża

(52) B'ittri datati t-18 ta' Ottubru 2014 u t-13 ta' Novembru 2014, l-awtorità kompetenti tar-Repubblika Kirgiża (il-KG CAA) tat informazzjoni aġġornata dwar it-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati f'dan il-pajjiż li bħalissa huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni. Skont dawn l-ittri u d-dokumentazzjoni li takkumpanjahom, il-KG CAA issospendiet l-AOCs ta' erba' trasportaturi tal-ajru, jiġifieri ta' *Kyrgyz Airlines*, *SAEMES*, *Supreme Aviation* u *Click Airways*, u ħassret l-AOC ta' *Kyrgyz Trans Avia*. Skont il-leġiżlazzjoni tar-Repubblika Kirgiża, jekk id-detentur taċ-ċertifikat sospiż ma japplikax għal proċedura taċ-ċertifikazzjoni sa tliet xhur mis-sospensjoni, is-sospensjoni tal-AOC tiegħu tkun tfisser daqslikieku r-revoka tagħha. *Kyrgyz Airlines*, *SAEMES*, *Supreme Aviation* u *Click Airways* m'applikawx għal din iċ-ċertifikazzjoni minn mindu ġie sospiż l-AOC tagħhom. Għalhekk l-AOCs tagħhom qed jitqiesu mħassra.

(53) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li għandha tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni biex *Kyrgyz Airlines*, *SAEMES*, *Supreme Aviation*, *Click Airways* u *Kyrgyz Trans Avia* jitneħħew mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

It-trasportaturi tal-ajru mil-Libanu

(54) Baqgħu jsiru konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu (id-DGCA tal-Libanu) bil-għan li jkun ikkonfermat li l-Libanu qed jindirizza n-nuqqasijiet li stabbilixxiet l-ICAO waqt il-ICVM li saret fil-Libanu mill-5 sal-11 ta' Diċembru 2012. Id-DGCA tal-Libanu stabbilixxew Pjan ta' Azzjoni Korrettiva u qed iwettqu dawn l-azzjonijiet, l-aktar fejn jidħol it-Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza rigward iċ-ċertifikazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru fil-Libanu.

(55) Waqt laqgħa teknika tal-14 ta' Lulju 2014, id-DGCA tal-Libanu taw informazzjoni dwar il-bidla fit-tmexxija tagħhom, il-ħatra ta' persunal ġdid impjegat mad-DGCA tal-Libanu u ssekondat minn *Middle East Airlines*, l-identifikazzjoni ta' x'qed jikkawża t-Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza u l-għarfien fil-livell politiku ta' x'titjib jeħtieġ isir fil-Libanu. Id-DGCA tal-Libanu taw il-lista sħiħa tal-AOCs attwali fil-Libanu u informazzjoni dwar it-tiġdid tal-AOC lil żewġ trasportaturi tal-ajru.

(56) Id-DGCA tal-Libanu għarrfu lill-Kummissjoni li r-rapport dwar ir-riżoluzzjoni tat-Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza ntbagħat lill-ICAO. Iżda dawk l-azzjonijiet korrettivi għad iridu jiġu vverifikati.

(57) Fl-14 u fil-15 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni għamlet żjara informali lid-DGCA tal-Libanu. Matulha l-Libanu semma l-progress li għamlu d-DGCA minn Lulju 2014, l-aktar fejn tidħol il-komunikazzjoni tajba mal-Unjoni. It-Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza li qajmet l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili, il-Libanu qed jieħdu bis-serjetà u reġa' dar kull AOC. Għalkemm għad m'hemmx awtorità tal-avjazzjoni ċivili awtonoma u b'biżżejjed riżorsi, id-DGCA tal-Libanu saħqu li d-Direttorat Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili issa għandu l-awtorità kollha biex isegwi l-aspetti kollha tas-sikurezza ta' kull linja tal-ajru. Fid-9 ta' Novembru 2014, il-Libanu ta informazzjoni addizzjonali dwar il-Pjan ta' Azzjoni tiegħu għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, fosthom pjanijiet biex tkun tista' tiġi żviluppata awtorità tal-avjazzjoni ċivili awtonoma.

(58) Fid-dawl ta' dan kollu, se jibqgħu jsiru konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet tal-Libanu skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.

(59) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mil-Libanu.

(60) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza turi li jkunu jeżistu riskji imminenti tas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni ulterjuri f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

It-trasportaturi tal-ajru mil-Libja

(61) F'April 2012, l-awtoritajiet kompetenti tal-Libja (il-LYCAA) qablu li jillimitaw it-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Libja milli joperaw fl-Unjoni. Dan sar sabiex b'hekk il-LYCAA ikollhom iż-żmien biex jerġgħu joħorġu ċ-ċertifikati lit-trasportaturi tal-ajru u biex jistabbilixxu kapaċitajiet biżżejjed għas-sorveljanza ħalli jiżguraw il-konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(62) Il-Kummissjoni segwiet l-effettività ta' dawn ir-restrizzjonijiet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għamlet konsultazzjonijiet regolari mal-LYCAA dwar il-progress tagħhom biex jirriformaw is-sistema tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili tagħhom.

(63) Sa Marzu 2014, kien osservat xi progress fil-livell tal-LYCAA u anki fil-livell tat-trasportaturi tal-ajru ewlenin, il-*Libyan Airlines* u l-*Afriqiyah Airways*. Madankollu, iċ-ċertifikazzjoni ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru ħadet aktar fit-tul milli kien mistenni.

(64) Bħalma stqarret il-Kummissjoni f'April 2014 ([1]), qabel ma l-LYCAA jitħallew joħorġu awtorizzazzjoni lit-trasportaturi tal-ajru tagħhom biex joperaw fl-Unjoni, il-Kummissjoni trid tkun laqgħet b'sodisfazzjon li l-proċess ta' riċertifikazzjoni effettivament tlesta u li qed issir sorveljanza kontinwa sostenibbli skont l-istandards tal-ICAO.

(65) Iżda s-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-Libja ddgħajfet ġmielha f'Ġunju u f'Lulju 2014, l-aktar bil-vjolenza li kien hemm fl-ajruport internazzjonali ta' Tripli u fil-madwar. Din l-instabbiltà fis-sigurtà għadha prevalenti. Il-vjolenza qerdet sew u għamlet ħsarat kbar fil-bini, fl-infrastruttura u fl-inġenji tal-ajru wieqfa fl-ajruport internazzjonali ta' Tripoli, u allura l-ajruport u l-ispazju tal-ajru lokali ma setgħux jintużaw.

(66) Billi mhuwiex ċar jekk il-LYCAA humiex kapaċi jissorveljaw sew it-trasportaturi tal-ajru tagħhom, wara l-atti ta' vjolenza u minħabba n-nuqqas ta' gvern stabbli u effettiv, il-Kummissjoni m'għadx għandha l-fiduċja meħtieġa li l-LYCAA għad għandhom l-awtorità biex jillimitaw l-operazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni mhix konvinta li l-LYCAA kapaċi jwettqu l-obbligi internazzjonali tagħhom rigward is-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni mħassba wkoll dwar l-għadd ġmielu ta' inġenji tal-ajru li ġralhom il-ħsara waqt il-vjolenza u qed tistaqsi jekk l-ajrunavigabbiltà kontinwa tagħhom hix qed titqies kif jixraq.

(67) Mill-preżentazzjoni orali li l-LYCAA taw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru fil-25 ta' Novembru 2014, dwar l-azzjonijiet meħuda biex tkun żgurata s-sikurezza tal-avjazzjoni fil-Libja joħroġ ċar li, minkejja l-isforzi tal-LYCAA bit-tmexxija fil-preżent, għad baqa' bosta kwistjonijiet ta' tħassib dwar riskji imminenti tas-sikurezza tal-avjazzjoni li għadhom ma xxejnux. Dan it-tħassib ikompli jiżdied ġmielu bl-instabbiltà li hemm bħalissa.

(68) Billi mhuwiex ċar jekk il-LYCAA humiex kapaċi jissorveljaw sew lit-trasportaturi tal-ajru Libjani u jikkontrollaw ir-riskji imminenti tas-sikurezza, hu vvalutat li l-LYCAA ma jistgħux jissodisfaw l-obbligi internazzjonali tagħhom fejn tidħol is-sikurezza tal-avjazzjoni.

(69) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li għandha tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni biex tkun tinkludi kull trasportatur tal-ajru ċċertifikat fil-Libja li hemm fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 368/2014 tal-10 ta' April 2014 (ĠU L 108, 11.4.2014, p. 16). B'mod partikolari, ara l-premessa 64 ta' dan ir-Regolament.

It-trasportaturi tal-ajru mill-Madagaskar

(70) Issoktaw b'mod attiv il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Madagaskar sabiex jiġi monitorjat il-progress li sar biex dawn l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw is-sorveljanza tas-sikurezza ta' kull trasportatur tal-ajru ċċertifikat fil-Madagaskar f'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(71) Fit-23 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni bl-għajnuna tal-EASA organizzat laqgħa ta' konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Madagaskar u mar-rappreżentanti tat-trasportatur tal-ajru *Air Madagascar*. Matulha t-trasportatur tal-ajru ta informazzjoni dwar l-evoluzzjoni tal-flotta tiegħu u fost l-oħrajn għarraf li mill-2015, żewġ inġenji tal-ajru tat-tip Boeing 737 imsemmija fl-Anness B tar-Regolament (UE) Nru 474/2006 se jinbidlu ftit ftit minn inġenji tal-ajru tal-istess tip, u li matul l-ewwel kwart tal-2015, mal-flotta tiegħu se jiżdied inġenju tal-ajru tat-tip ATR 72-600.

(72) Fl-10 ta' Novembru 2014, it-trasportatur tal-ajru *Air Madagascar* talab li jinbidel l-Anness B biex l-inġenji tal-ajru tat-tip Boeing 737 li se jieħdu post l-inġenji tal-ajru eżistenti tat-tip Boeing 737 fil-flotta tiegħu u l-inġenju tal-ajru tat-tip ATR 72-600 li se jiżdied mal-flotta, jitħallew joperaw.

(73) *Air Madagascar* wera evidenza li l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-flotta tiegħu tjiebet. Rigward l-operazzjonijiet li saru bl-inġenju tal-ajru tat-tip Boeing B737, l-awtoritajiet kompetenti tal-Madagaskar iddikjaraw li jinsabu sodisfatti bil-livell attwali ta' konformità li wera *Air Madagascar* fejn jidħlu r-rekwiżiti tal-IACO. Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-EASA kkonfermaw li ma rriżultat l-ebda kwistjoni speċifika mill-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fl-ajruporti tal-Unjoni fil-qafas tal-programm tas-SAFA.

(74) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li fir-rigward ta' *Air Madagascar* għandha tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni. L-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 għandu jiġi emendat biex ikunu jistgħu isiru operazzjonijiet bl-inġenji tal-ajru tat-tip B737 u tat-tip ATR 72/42, li huma mniżżla fl-AOC ta' *Air Madagascar*, jew li se jitniżżlu fih.

(75) L-Istati Membri se jibqgħu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru lill-inġenji tal-ajru ta' *Air Madagascar* skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

It-trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika Islamika tal-Mawritanja

(76) L-EASA għarrfet lill-Kummissjoni b'rapporti li juru nuqqasijiet serji fil-qasam tas-sikurezza u nuqqas kontinwu min-naħa tat-trasportatur tal-ajru *Mauritania Airlines International* (MAI) biex jindirizza n-nuqqasijiet identifikati bi spezzjonijiet fir-rampa li saru bil-programm SAFA. Dawn in-nuqqasijiet huma relatati mal-preparazzjoni tat-titjiriet u mal-kalkoli tal-prestazzjoni. Minkejja tjiebet xi ftit il-kundizzjoni tal-inġenji tal-ajru, in-natura u s-severità tas-sejbiet riċenti għandhom impatt dirett fuq is-sikurezza tal-operazzjonijiet u għalhekk jeħtieġ li jittieħdu azzjonijiet korrettivi.

(77) Il-Kummissjoni għarrfet direttament lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (l-ANAC) u lil *Mauritania Airlines International* (MAI) dwar dawk in-nuqqasijiet, biex ikunu jistgħu jieħdu azzjonijiet ta' mitigazzjoni mingħajr dewmien. L-ANAC laqgħu dan it-tagħrif u rrappurtaw lura għadd ta' azzjonijiet korrettivi u r-riżultati tal-aħħar awditu tal-ICAO fl-oqsma tal-ajrudromi u tas-servizzi tal-ajrunavigabbiltà.

(78) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika Islamika tal-Mawritanja.

(79) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza turi li jkunu jeżistu riskji imminenti tas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni ulterjuri f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

It-trasportaturi tal-ajru mill-Możambik

(80) L-awtoritajiet kompetenti tal-Możambik (l-IACM) irrapportaw fuq l-implimentazzjoni attwali tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva li ressqu lill-ICAO, u li din approvat. L-aħħar rapport ta' progress u d-dokumenti ta' sostenn tiegħu li waslu għand il-Kummissjoni u l-EASA fis-26 ta' Settembru 2014 juru li l-IACM baqgħu jaħdmu fuq l-aġġornament tal-qafas legali billi ressqu proposti leġiżlattivi biex jibqgħu jallinjaw l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili mar-rekwiżiti tal-ICAO, biex minn sempliċiment regolatur isiru awtorità u biex jibqgħu jsegwu l-allinjament tar-regolamenti eżistenti tagħhom mal-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati tal-ICAO (-SARPS) emendati. Se jissoktaw ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal ħalli tkompli tissaħħaħ il-kapaċità tas-sorveljanza, l-aktar fl-oqsma tal-operazzjonijiet u l-għoti ta' liċenzji, tal-ajrudromi, tal-ajrunavigabbiltà u tat-tfassil tar-regoli u tal-infurzar. L-isforzi interni biex tissawwar il-kapaċità jissaħħu bi shubijiet mal-awtoritajiet Afrikani u Ewropej, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet reġjonali. Għall kull ajruport saret analiżi tan-nuqqasijiet fiċ-ċertifikazzjoni tal-ajrudromi u ntalab pjan dettaljat taċ-ċertifikazzjoni tal-ajruporti internazzjonali (Maputo, Beira u Nacala) bil-ħsieb li l-proċess jinbeda fl-2015. Għaddejja l-ħidma biex jinħoloq il-Programm għas-Sikurezza tal-Istat li mistenni jitlesta sal-2017.

(81) L-IACM issoktaw jindirizzaw is-sejbiet pendenti tal-USOAP fejn jidħlu l-mistoqsijiet assoċjati tal-protokoll. Barra minn hekk, tfasslu ħafna mir-regolamenti u mill-proċeduri meħtieġa biex isostnu t-tweġibiet, u d-dokumentazzjoni assoċjata ttellgħet onlajn permezz tas-CMA, l-għodda onlajn tal-ICAO. Il-validazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet mill-ICAO għadha pendenti.

(82) L-IACM talbu ICVM biex tivvalida l-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva tagħhom, u din skedata li ssir mis-26 ta' Novembru sal-4 ta' Diċembru 2014 u se tkopri l-oqsma tal-leġiżlazzjoni, l-organizzazzjoni tas-CAA, l-ajrudromi u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.

(83) Ingħaraf il-progress ġmielu li għamlu l-IACM fejn tidħol it-tiswija tan-nuqqasijiet identifikati mill-ICAO u dawn qed jitħeġġew ikomplu l-isforzi tagħhom ħalli jirnexxilhom iwaqqfu sistema tal-avjazzjoni li tikkonforma għalkollox mal-istandards internazzjonali. Minħabba l-progress sinifikanti li diġà nkiseb u l-progress ulterjuri mistenni, fl-aħħar kwart tal-2015 jaf issir missjoni ta' valutazzjoni tas-sikurezza tal-UE. Iżda għalissa, xorta jibqa' l-fatt li bosta kwistjonijiet importanti relatati mas-sikurezza tal-avjazzjoni għad iridu jiġu indirizzati bis-sħiħ u kif xieraq.

(84) L-investigazzjoni dwar l-inċident tat-trasportatur tal-ajru *Linhas Aéreas de Moçambique S.A.* (il-LAM) li sar fid-29 ta' Novembru 2013 għadha għaddejja. L-aħħar rapport tal-inċident mistenni johroġ sal-aħħar tal-2014. Wara l-inċident, il-LAM għamel rieżami estensiv tat-taħriġ intern fis-sikurezza u s-sigurtà, tal-mekkaniżmi u l-proċeduri, u din irriżultat fl-implimentazzjoni ta' rekwiżiti organizzazzjonali u operazzjonali aktar eżiġenti. Paripassu ma' dan, tkompliet il-ħidma biex titjieb aktar is-Sistema tal-Ġestjoni tas-Sikurezza (l-SMS), l-aktar fejn jidħlu l-analiżi u l-iskambju tad-dejta dwar it-titjiriet.

(85) L-IACM irrappurtaw ukoll li baqgħu għaddejjin bil-proċess taċ-ċertifikazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru f'konformità mas-SARPS tal-ICAO. Skont il-lista li taw il-IACM, ġie ċċertifikat trasportatur tal-ajru ġdid, jiġifieri *Makond Lda*. Madankollu, l-IACM ma setgħux jagħtu evidenza li qed jiżguraw li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' dak it-trasportatur tal-ajru tkun konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(86) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li għandha tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni biex it-trasportatur tal-ajru *Makond Lda* jiżdied mal-lista fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

It-trasportaturi tal-ajru min-Nepal

(87) Il-Kummissjoni kompliet tikkonsulta mal-awtorità kompetenti tan-Nepal (is-CAAN) biex tistabbilixxi kemm hi kapaċi timplimenta u tinfurza biżżejjed l-istandards internazzjonali tas-sikurezza li huma rilevanti.

(88) Biex twieġeb it-talba tal-Kummissjoni, is-CAAN ressqet dokumentazzjoni dwar il-progress li sar fl-attivitajiet tas-sorveljanza tas-sikurezza, inkluż in-nuqqasijiet li nnutat il-Kummissjoni fiż-żjara ta' valutazzjoni fin-Nepal fi Frar 2014, l-SSC tal-ICAO u kif ukoll l-awditi tal-ICAO.

(89) Fl-24 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni u l-EASA ltaqgħu mas-CAAN. Il-laqgħa ffukat l-aktar fuq il-progress li sar fl-oqsma tal-għoti tal-liċenzja lill-ekwipaġġ tal-ajru, iċ-ċertifikazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u s-sorveljanza tal-operazzjonijiet bl-ajru.

(90) Iżda jidher li ma sarx progress biżżejjed u jeħtieġu aktar żmien. B'mod partikolari, hemm it-tħassib li s'issa s-CAAN għadhom ma indirizzawx sew ir-rekwiżiti għall-ekwipaġġ tal-ajru li jaħdem f'ambjent b'aktar minn ekwipaġġ wieħed, l-aktar peress li r-rapport tal-inċident fatali tas-16 ta' Frar 2014 iqis in-nuqqas ta' taħriġ tal-ekwipaġġ bħala l-kawża probabbli tal-inċident.

(91) Barra minn hekk, għad hemm it-tħassib li s-CAAN mhumiex jagħmlu riċertifikazzjoni adegwata tat-trasportaturi tal-ajru, u jista' jkun li mhix tajba biex tiżgura li kull trasportatur tal-ajru tan-Nepal ikun konformi mar-rekwiżiti internazzjonali tas-sikurezza tal-ajru. Għalhekk is-CAAN huma mħeġġa jfittxu l-għajnuna ta' esperti fis-suġġett biex jivvalutaw il-proċess u jivverifikaw l-adegwatezza tiegħu filwaqt li jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa.

(92) Matul il-laqgħa li saret fil-11 ta' Novembru 2014, il-Kummissjoni, l-EASA, *Nepal Airlines Corporation, Buddha Air, Shree Airlines, Tara Air* u *Yeti Airlines* eżaminaw mill-ġdid il-progress tal-osservazzjonijiet taż-żjara ta' valutazzjoni li għamlet l-Unjoni fuq il-post u kwistjonijiet oħrajn dwar it-titjib fis-sikurezza tal-ajru fin-Nepal.

(93) Qed titqies inkoraġġanti l-kapaċità li għandhom ċertu trasportaturi tal-ajru biex jimmaniġġjaw ir-riskji tal-operazzjonijiet tagħhom f'livell li jista' juri kapaċità li jnaqqas ir-riskji li jġib in-nuqqas ta' sorveljanza biżżejjed minnaħa tas-CAAN. Madankollu, il-Kummissjoni jidhrilha li bħalissa, l-awtoritajiet kompetenti tan-Nepal ma jistgħux jimplimentaw u jinfurzaw biżżejjed l-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza f'livell li jista' jiġġustifika t-tneħħija tal-projbizzjoni attwali tal-operat.

(94) Għandu jiġi nnutat ukoll li fil-25 ta' Awwissu 2014 il-Kummissjoni kitbet lis-CAAN biex tikseb informazzjoni aġġornata dwar trasportaturi tal-ajru li huma fis-sorveljanza tagħhom. F'ittra datata l-10 ta' Settembru 2014, is-CAAN għarrfu lill-Kummissjoni li mill-aħħar aġġornament ġie ċċertifikat inġenju tal-ajru wieħed, jiġifieri l-AOC Nru 082/2014 li nħareġ lil *Manang Air Pvt. Ltd.* fit-3 ta' Lulju 2014. Madankollu, is-CAAN ma tawx evidenza biex jiżguraw li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' dan it-trasportatur tal-ajru tkun konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(95) It-trasportaturi tal-ajru li fil-passat inħarġilhom AOC separat maħsub biss għall-operazzjonijiet internazzjonali tagħhom, issa sar jinħarġilhom AOC wieħed li jkopri kull operazzjoni. Minħabba f'hekk, is-CAAN ħassru l-AOC Nru 058/2010 lil *Buddha Air (International Operations)* u l-AOC Nru 059/2010 lil *Shree Airlines (International Operations)*.

(96) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li għandha tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni biex fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 tkun tinkludi t-trasportatur tal-ajru *Manang Air Pvt.*, u biex mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 jitneħħew *Buddha Air (International Operations)* u *Shree Airlines (International Operations)*.

It-trasportaturi tal-ajru mill-Filippini

(97) Fid-9 ta' April 2014, l-FAA ħabbret id-deċiżjoni tagħha li taġġorna l-istatus ta' konformità tal-Filippini minn kategorija 2 għal kategorija 1 minħabba l-programm ta' awditu tal-IASA (il-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Internazzjonali) tagħha. F'ittra datata l-24 ta' Lulju 2014 lill-Kummissjoni, l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Filippini (is-CAAP) jirreferu għad-deċiżjoni tal-FAA biex tiġi aġġornata l-kategorija ta' konformità tal-Filippini. Din l-ittra tirreferi wkoll għall-komunikazzjoni tal-ICAO li ssemmi li l-Filippini solvew l-SSCs identifikati qabel. Fl-aħħar nett, is-CAAP iddikjarat li l-għan tagħna li jmiss se jkun li titneħħa l-projbizzjoni tal-operat minn fuq it-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Filippini li kien għadhom soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni.

(98) F'ittra lis-CAAP datata t-22 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni tenniet li kull deċiżjoni biex jitneħħa xi trasportatur tal-ajru ċċertifikat fil-Filippini mil-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni, trid timxi b'approċċ ibbażat fuq l-evidenza. Dwar dan, fl-4 ta' Novembru 2014 saret laqgħa teknika bejn esperti tal-Kummissjoni u tal-EASA u rappreżentanti għoljin mis-CAAP.

(99) L-evidenza li ppreżentat is-CAAP qabel u waqt il-laqgħa teknika tal-4 ta' Novembru 2014 tagħti dettalji dwar l-istruttura organizzattiva attwali tas-CAAP u dwar it-titjib propost biex jissaħħu l-kapaċitajiet tas-sorveljanza tagħha. Ingħatat informazzjoni wkoll dwar l-attività fil-preżent tas-sorveljanza li s-CAAP twettaq fuq trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Filippini. Is-CAAP semmiet ukoll titjib infrastrutturali li qed isir u tat aġġornament dwar aktar żvilupp li ġie propost fil-Programm għas-Sikurezza tal-Istat (SSP) tagħha.

(100) F'ittra li bagħtet fit-22 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni pproponiet ukoll li l-EASA tagħmel żjara ta' assistenza teknika fuq il-post fil-Filippini. Din iż-żjara saret matul il-ġimgħa tal-10 ta' Novembru 2014.

(101) Id-diskussjoni u l-evidenza li tat is-CAAP waqt laqgħa teknika fl-4 ta' Novembru 2014 jitqiesu inkoraġġanti rigward il-progress li għamlu l-awtoritajiet kompetenti tal-Filippini fejn tidħol is-sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Filippini. Dan jagħti l-possibbiltà li fil-futur qrib issir missjoni ta' verifika fuq il-post tal-Unjoni.

